# Il-Vara Titulari ta' San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi – 1736-2011

Kitba ta' Joseph Schembri

F'Malta, xi ftit mill-istatwi jew vari titulari ġew maħduma fl-injam, fil-ġebla jew fil-kartapesta. Xi wħud minnhom inħadmu minn Maltin fis-seklu 18, fosthom insemmu lill-iskulturi Pietru Pawl Zahra u ibnu Francesco Zahra mill-Isla, u Pietru Felici minn Ħal Qormi.

Pietru Felici hu iben Wistin Felici u Grazzja mwielda Mallia, it-tnejn minn Ħal Qormi. Pietru twieled Ħal Qormi fit-22 ta' Diċembru, 1669, u ġie mgħammed fl-istess jum ta' twelidu. Meta kellu ħames snin mietet ommu fl-età ta' 29 sena. Missieru Wistin ftit xhur wara l-mewt ta' martu reġa' żżewweġ lil Alonziga Galea mill-Mosta. Dan iż-żwieġ sar fil-knisja tas-Salvatur fl-Imdina, nhar is-6 ta' Awwissu, 1675.[1]


Ritratt: Vassallo Photo Studio

Nafu li bejn is-snin 1687 u l-1702, Pietru Felici kien miżżewweġ. Huwa kellu tlett itfal. Matul dawn is-snin huwa kien joqgħod l-Isla.[2] Fl-Isla kien hemm joqogħdu wkoll il-familja ta' Pietru Pawl u ibnu Francesco Zahra li kienu skulturi magħrufin. Fil-fatt il-laqam ta' din il-familja kien *Tal-Iskalpellin* dan kien joqogħdilhom ħafna.[3]

Jista' jagħti l-każ li Pietru Felici tgħallem u tħarreġ fis-sengħa ta' skultur minn din il-familja ta' Zahra. Wara li kien tgħallem sewwa din is-sengħa ta' skultur beda jaħdem għal rasu. Mill-bidu tas-snin 1730 'il quddiem, u fi żmien il-Kappillan Dun Salv Tabone u l-Prokuratur tal-Veneranda Lampada Dun Nikola Zarb, avviċinaw lill-iskultur Pietru Felici sabiex jaħdmilhom statwa kbira tal-ġebel ta' San Nikola ta' Bari biex titpoġġa f'nofs il-misraħ tas-Siġġiewi. Pietru kien aċċetta dan ix-xogħol għal ħlas ta' 70 skud. Din l-istatwa tlestiet fis-sena 1732, mitejn u tmenin sena ilu.

L-istatwa ta' San Nikola f'nofs il-misraħ kienet intgħoġbot ħafna minn missirijietna. Għalhekk ftit snin wara l-Kappillan Dun Salv Tabone u Dun Nikola Zarb talbu lill-istess skultur Pietru Felici, sabiex jaħdem statwa oħra ta' San Nikola ta' Bari bħala t-titular; din kellha tkun intiża għall-purċissjoni. Huwa kien aċċetta dan ix-xogħol għal ħlas ta' 95 skud.

*Ikompli f'paġna 43*



*Ikompli minn paġna 41*

Din l-istatwa (vara) tlestiet fis-sena 1736. Kienet skolpita mill-injam. Il-pedestall inħadem minn G.M. Vassallo. L-iskultura tal-pedestall ħadimha Ġużeppi Fabri, u kien tħallas 15-il skud. Fis-sena 1779 inħadem il-baklu tal-fidda li kien qam 160 skud, li skond ma jingħad kien ingħata lil San Nikola minn grupp ta' baħħara li kienu qegħdin jiġġieldu kontra t-Torok.[4]

Dun Nikola Zarb, il-prokuratur tal-knisja kien ħareġ somma ta' flus minn butu, sabiex seta' jħallas lill-iskultur Pietru Felici ta' xogħlu. Bejn is-sena 1736 u t-22 ta' Lulju 1737, dan l-iskultur kien tħallas 95 skud, imqassma f'ħames pagamenti.

Dun Nikola Zarb, kien dejjem jara x'kien ikun hemm bżonn li jsir fil-knisja parrokkjali. Fis-sena 1739, Dun Nikola Zarb talab lill-Kurja tal-Isqof bħala l-prokuratur tal-Veneranda Lampada, biex ikun jista' jitħallas tal-flus li kien ħareġ. Dan biss seta' jagħmlu bil-permess tal-Kappillan Dun Salv Tabone. Il-Kurja laqgħet it-talba tiegħu b'digriet mogħti fit-3 ta' Frar 1739.[5] Il-vara ta' San Nikola ġiet indurata f'dawn is-snin – 1893, 1959, 1998.

## Il-275 Sena mill-Wasla tal-Vara ta' San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi

Is-sena 2011, kienet il-275 sena anniversarja tal-wasla tal-vara ta' San Nikola ta' Bari fis-Siġġiewi.

L-Arċipriet Fr. Albert Buhagiar flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa, matul din is-sena ħadu ħsieb biex ifakkru dan l-anniversarju f'kull raba' Ħamis ta' kull xahar, barra Ġunju u Diċembru. Filgħaxija kienet tiġi ċċelebrata quddiesa kantata bis-sehem tal-Kor Parrokkjali Santa Ċeċilja, prietka, kurunella ta' San Nikola, antifona u Barka Sagramentali, wara bil-bews tar-relikwa. Fl-aħħar kien jitkanta l-innu ta' San Nikola ta' Patri Ġ. Delia.



## Il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2011

Dan il-Ħadd kien differenti minn Ħdud oħra ta' matul is-sena. Fit-8 ta' filgħodu ġiet ikkonċelebrata quddiesa kantata bis-sehem tal-kor parrokkjali, omelija u tqarbina ġenerali. Wara l-quddiesa beda

*Ikompli f'paġna 44*

*Ikompli minn paġna 43*

l-pellegrinaġġ bil-vara ta' San Nikola fil-misraħ li għalih attendew ħafna parruċċani devoti ta' San Nikola. Wara l-pellegrinaġġ ingħatat il-Barka Sagramentali u sar il-bews tar-relikwa ta' San Nikola. Fis-7 ta' filgħaxija ġie organizzat kunċert ta' Mużika Sagra fil-knisja.

**It-Tnejn, 5 ta' Diċembru 2011**

Fis-6.15 ta' filgħaxija, ġiet organizzata transulazzjoni bir-relikwa ta' San Nikola, kien hemm ukoll għasar u quddiesa kantata bis-sehem tal-kor parrokkjali. Mexxa l-Arċipriet Fr. Albert Buhagiar.

**It-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2011**

Festa liturġika ta' San Nikola tax-xitwa. Fid-9 ta' filgħodu ġiet iċċelebrata quddiesa bis-sehem tat-tfal tal-Iskola Primarja. It-tfal akkumpanjati mill-għalliema, imxew proċessjonalment mill-iskola sal-knisja parrokkjali, u xi wħud minnhom refgħu statwa mdaqqsa ta' San Nikola. Tifel libes ta' San Nikola. Kien hemm spirtu ta' ferħ kbir fost it-tfal li kienu wkoll akkumpanjati minn xi bandisti. Fil-5.45 ta' filgħaxija kien hemm ukoll kant bis-salmi. Fis-6.30 ta' filgħaxija – ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni minn Mons. Isqof Emeritus Francis Adeodato Micallef u prietka mill-Kappillan Dun Nikol Pace, u tqarbina ġenerali. Wara l-Quddiesa ngħadet il-Kurunella ta' San Nikola, tkantat ukoll l-antifona, u wara ingħatat il-Barka Sagramentali u sar il-bews tar-relikwa. Fl-aħħar tkanta wkoll l-Innu ta' San Nikola.

Għal din is-sena anniversarja 2011, Dun Nikol Aquilina kiteb innu *Quddiem l-Istatwa ta' San Nikola* b'Mużika ta' Mro. Hermann Farrugia Frantz, li tkanta f'dawn l-okkażjonijiet ta' matul is-sena.

**Riferenzi:**

[1-2] Rev. Mons. Vincent Borg – *Il-Knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi*, paġna 93.

[3] Patri Alexander Bonnici O.F.M. Conv. – *L-Isla II Volum*, paġna 226.

[4] Raymond Saliba – *Is-Siġġiewi Ġunju 1998*, paġna 16.

[5] Lorenzo Zahra – *Is-Siġġiewi Ġunju 2003*, paġna 12.

KEVIN'S
stationery

Address

Dr. Nikola Zammit Street
Siġġiewi

Phone

79/21 467 178

Student Cards Accepted

Stationery
Gifts
Toys
Perfumery
Mobile Phones
Colour Photocopy
Lamination
Book Covering
Binding